# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha, 6 ta’ Dicembru 2000**

**Numru**

**Citaz. numru 15/74 DS**

Salvatore Guillaumier u b’digriet tal-11 ta’ Ottubru 1993, stante l-mewt ta’ l-attur, il-gudizzju gie trasfuz f’isem Anthony Guillaumier

vs

Joseph Francis Spiteri

Illum, 6 ta' Dicembru 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-7 ta' Jannar 1974 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi fit-22 ta' Jannar 1952 fl-att tan-Nutar Dr. Joseph Raymond Grech il-kontendenti kienu ffurmaw bejniethom socjeta' kollettiva taht l-isem "Guillaumier & Spiteri" ghaz-zmien stipulat fl-istess att;

Illi dak il-perijodu ilu li ghadda u b'hekk is-socjeta' giet xjolta izda l-kontendenti ghadhom fi stat ta' komunjoni;

Illi sallum ghadu ma ntlahaqx ftehim fiskali fuq il-likwidazzjoni tal-istess socjeta':

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet imsemmija tordna l-likwidazzjoni tal-istess socjeta`, billi jigi nominat stralcjarju bil-fakoltajiet necessarji u d-divizjoni tal-bilanc rizultanti mill-istralc f'zewg partijiet ugwali li wahda minnhom tigi assenjata lill-attur u l-ohra lill-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Settembru 1969 u tat-22 ta' Ottubru 1973 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi d-domandi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, ghaliex is-socjeta` msemmija fic-citazzjoni giet xjolta aktar minn ghoxrin sena ilu, saret il-likwidazzjoni ta' l-assi socjali, u bejn il-kontendenti m'hemm l-ebda stat ta' komunjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-digriet tat-23 ta' Ottubru 1974 li permezz tieghu gie nominat l-accountant Joseph Tabone biex ifittex u jirrelata fuq it-talba tal-attur u l-eccezzjoni tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn eccepixxa l-preskrizzjoni ta' hames (5) snin kif kontemplat fil-Kodici tal-Kummerc ghal dak li kien jirrigwarda x-xoljiment ta' socjeta' *en nom collectif*. B'hekk hu talab ukoll li jigi sospiz l-inkarigu tal-perit nominat minn din il-Qorti;

Rat is-sentenza tas-27 ta' Gunju 1975 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni stante li wkoll skond il-gurisprudenza tal-Qrati din il-preskrizzjoni kienet biss applikabbli kontra l-kredituri u mhux socju kontra iehor;

Rat ir-rikors tat-13 ta' Mejju 1980 tal-perit *accountant* Joseph Tabone fejn talab ghar-revoka ta' l-inkarigu tieghu u d-digriet tat-18 ta' Marzu 1981 fejn gie sostitwit ghalih bl-istess inkarigu u fakoltajiet Carmelo Balucci;

Rat id-digriet tas-7 ta' Novembru 1983, fejn gie nominat l-Av. Dott. Richard Galea Debono sabiex jassisti lill-perit tekniku;

Rat ir-relazzjoni minnhom mahlufa fit-12 ta' April 1985;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**Provi**

**L-attur** xehed li hu flimkien mal-konvenut kienu ffurmaw socjeta` *en nom collectif* fit- 22 ta' Jannar, 1952, permezz ta' att fl-atti tan-Nutar Dottor Josep`h Grech, b'dana li l-ftehim kien validu ghal sena u renovabbli kull sena. Izda fit-tieni sena, il-kontendenti kienu ddecidew sabiex jillikwidaw u jhollu dik is-socjeta`. Peress li kull wiehed minnhom kellu diversi agenziji, kif ukoll materjal, huma kienu ftehmu li kull wiehed minnhom jiehu rispettivament dak li kien tieghu u mbaghad isiru il-kontijiet finali.

Ghalhekk, il-konvenut garr il-materjal proprjeta` tieghu ghall-mahzen tieghu gewwa Qormi, u dan taht is-sorveljanza ta' l-i*store-keeper* Philip Zammit tas-socjeta` taghhom. Sussegwentement huma nkarigaw lill-*accountant* Aldo Bonello sabiex jaghmel il-kontijiet relattivi. Pero`, qabel ma dan ipprezenta l-kontijiet tieghu, il-konvenut kien irrileva li kien hemm xi zball. L-attur spjega li l-kontijiet ta' l-istess Aldo Bonello kienu bbazati fuq ic-*chits* li kienu saru mis-*store-keeper*, b'dana li l-konvenut kien qed ighid li dawn kellhom xi zball. L-attur irrileva wkoll li l-konvenut kien darba

minnhom infurmah li xi hadd kien dahal jisraq mill-mahzen tieghu, u ghalhekk il-kontendenti ma setghux jiccekkjaw il-materjal li kellu hemm l-istess konvenut.

L-attur spjega wkoll li l-i*stocks* tas-socjeta' *Guillaumier & Spiteri* kienu jinzammu fil-mahzen ta' Canon Road, Hamrun. Hekk kif il-konvenut kien qed igorr minn hemm il-merkanzija tieghu, hu kien ilmenta li l-i*stock* fil-*vouchers* preparati mill-istess Philip Zammit kien aktar minn dak li hu fil-fatt kien ha mill-mahzen tal-Hamrun. L-ilment kien jirrigwarda diskrepanza tal-*fittings* tal-*Kee Klamps*. Dawn kienu jingarru f'kaxxi zghar, kull wahda b'xi erbghin jew hamsin bicca fiha. Meta mbaghad il-kontendenti socji kienu ftehmu sabiex jinzlu fil-mahzen tal-konvenut sabiex jivverifikaw, il-konvenut infurmah li kienu dahlulu fil-mahzen u serqulu xi affarijiet. B'hekk l-appuntament kien thassar.

Ix-xhud stqarr li hu ma kienx jaf fejn kienu d-*delivery vouchers* illum, izda Aldo Bonello kien hadem il-kotba minn fuqhom stess. Fil-fatt hekk kif il-merkanzija kienet ingarret, dan imbaghad lesta l-kontijiet u baghat kopja lil kull wiehed mill-kontendenti. Il-konvenut kien baghat lura l-kopja tieghu, b'korrezzjoni fejn kien deherlu li kien hemm debitu a favur tieghu. Din l-istess kopja kienet ghadha f'idejn l-attur. B'hekk il-kontijiet qatt ma kienu gew approvati u ghalkemm kienet giet preparata skrittura ta' likwidazzjoni, skrittura finali ta' likwidazzjoni ma kienet saret qatt u cioe` ma kienetx giet iffirmata.

L-attur esebixxa s-segwenti dokumenti:

- fotokopja ta' abbozz ta' skrittura ta'likwidazzjoni tat- 23 ta' Ottubru, 1958, li giet immarkata Dok. C;
- fotokopja ta' ittra tal-konvenuta mibghuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fil- 31 ta' Dicembru, 1956, fejn kien jidher li l-konvenut kien qed jippretendi li fit- 30 ta' Gunju, 1953, il-valur ta' lis-*stock* tas-socjeta' in likwidazzjoni kien ta' £8469.17.7d, liema dokument kien qed jigi mmarkat Dok. D;
- fotokopji ta' zewg listi ta' *sundry debtors* immarkati rispettivament Dok. E u Dok. F; u
- fotokopja ta' notamenti tal-konvenut minn fejn kien jirrizulta li lis-*storekeeper* tas-socjeta' kien certu Filippidis u li Philip Zammit kien l-assistent tieghu, liema dokument kien qed jigi mmarkat Dok. G.

**Aldo Bonello**, xhud prodott mill-attur, qal li hu kien l-*accountant* tas-socjeta` *Guillaumier & Spiteri,* u ghalhekk hu kkonferma li l-*journal* u l-*ledger* esebiti, kien fetahhom u zammhom hu stess bejn l-1 ta' Jannar 1952 sat-8 ta' Marzu 1954. Meta fl-1954, iz-zewg kontendenti kienu ftehmu li jisseparaw, huma verbalment kienu ftehmu wkoll li jaqsmu l-assi tas-socjeta` fi *stocks* u fi flus dovuti minn terzi persuni lis-socjeta`. Ghalkemm ix-xhud kien jaf li kienet giet redatta skrittura, ma setax jiftakar jekk din kenitxt giet iffirmata.

L-i*stocks* kienu nqassmu fil-mahzen ta' Canon Road, Hamrun, u l-konvenut kien mbaghad garr dak li kien mess lilu lejn il-mahzen tieghu, u dan taht is-sorveljanza ta' certu Philip Zammit li kien impjegat ta' l-attur u llum kien

miet. Il-medicinali x-xhud spjega li hu kien jafhom dejjem fid-dar tal-konvenut.

Pero` kienet qamet kwistjoni dwar dawn l-i*stocks* li fl-1 ta'Jannar 1954, skond il-*ledger* fol 5, kienu gew valutati fl-ammont ta' £9572.15s.7d. Imbaghad mit-tieni kolonna ta' l-istess *ledger*, kien evidenti li sat-8 ta' Marzu 1954, il-konvenut kien ha *stocks* b'valur ta' £5269.4s.5d., filwaqt li l-attur kien ha *stocks* b'valur ta' £4303.11s.2d., liema ammonti kien hadimhom l-istess xhud minn fuq ic-*chits* ta' diversi konsenji li kien ghamel l-imsemmi Philip Zammit.

Meta gew biex jaqsmu l-i*stocks*, kien gie deciz li l-*Kee Klamps* jehodhom il-konvenut, kif ukoll id-*Dexion Angles* u l-medicinali u l-krediti kontra terzi fl-ammont ta' £1140.

Huwa spjega wkoll li pagna 2 tad-dokument B kienet tindika l-*capital account* tal-konvenut u pagna 3 ta' l-istess dokument kienet tindika l-*capital account* ta' l-attur. Il-pagament tal-bilanc bankarju (u dan wara li nqata' minnu l-paga ta' l-istess xhud fl-ammont ta' £23.18s.) li thallas lil S. Guillaumier & Co. ma setax jigi ndikat fuq dawk l-istess pagni, ghaliex dan il-kapital ma kienx jaqa' fil-*capital accounts* personali tal-kontendenti. Kompla jispjega li l-ammont ma kienx thallas fil-fatt lill-attur personalment, izda lis-socjeta` S. Guillaumier & Co. u din it-transazzjoni saret ghaliex kif kien jidher minn pagna 53 tal-*ledger*, dik id-ditta kienet kreditrici tas-socjeta` Guillaumier & Spiteri fis-somma ta' £538.7s.10d. Kien jirrizulta wkoll minn Dok. JS3 li t-trasferiment sar fid- 29 ta' Marzu 1955, cioe sena wara, u dan permezz ta' cekk. Ic-cekkijiet ta' Guillaumier & Spiteri kienu

jigu ffirmati miz-zewg kontendenti, b'dana li l-ewwel kien jiffirma l-attur in bjank, imbaghad il-konvenut jiffirma wkoll f'kaz li jkun hemm bzonn li jsir pagament. Kien hemm ukoll ammont ta' £91 dovuti minn Philip Grima, liema ammont pero` l-konvenut ma kienx gabar minghand dan il-debitur.

Imbaghad ix-xhud indika li l-ammonti ta' Dok. JS4 kienu jaqblu ma' dawk tal-kotba.

**William Orr**, prodott ukoll mill-attur, spjega li zmien ilu l-kontendenti kienu ffurmaw socjeta` bejniethom, b'dana li hu ma setax jiftakar l-isem ta' dik is-socjeta`. Hu kien impjegat *part-time* sabiex izomm il-kotba ta' dik l-istess socjeta` u xoghlu kien jikkonsisti f'li jibghat il-fatturi lill-klijenti ghall-hlas.

Meta gie muri Dok. F, ix-xhud spjega li hu haseb li n-notamenti hdejn in-numri 3, 5, 7, 8, 14, 17, 22, 24, 25 u 26 kienu tieghu. Il-kotba esebiti kien izommhom is-Sur Aldo Bonello li kien ukoll impjegat ma' l-attur u kien jaghmel dan ix-xoghol *part-time*. Spjega wkoll li hu ma kienx ta *hand-over* lil hadd u wisq probabbli waqaf jahdem hekk kif waqqfet milli topera s-socjeta` tal-kontendenti. Hu qal ukoll li fil-fatt qabel dan l-impieg hu kien impjegat ma' l-attur.

**Il-konvenut** xehed li fit- 22 ta' Jannar, 1952, hu u l-attur kienu ffurmaw socjeta` *Guillaumier & Spiteri* u din baqghet taghmel in-negozju sas-16 ta' April 1953, meta huma ghamlu ftehim sabiex ixolju s-socjeta`. Dan hu esebit bhala Dok. JS1 u fil-fehma tieghu s-socjeta` daqshekk ghamlet.

Ghalhekk, bdew jinqasmu l-i*stocks* u dan billi nhargu *chits* minn tnejn min-nies li kunjomhom kien Zammit, liema *chits* kienu jigu ffirmati minn impjegat tieghu hekk kif jircevieh. Meta mbaghad kien ircieva d-*distribution of closing stock*, hu kien ikkontesta s-segwenti:

- in-numru u l-valur tal-*Kee Klamps* li skond dak id-dokument hu kien ircieva;
- il-valur ta' £22 ghall-*pigeon boxes* ghaliex dawn kienu bla valur; u
- il-partita *Trusses* b'valur ta' £72 ghaliex dawn kellhom valur ta' £162.10s. u kien hadhom l-attur u dan b'riferenza ghal Dok. JS2 ipprezentat mill-istess konvenut.

Il-konvenut esebixxa kopja tad-*distribution sheet* ipprezentata mill-attur. Hemm ma kienx imsemmi l-ammont komplessiv ta' £569.15.1d li kien iddepozitat skond nota tad-29 ta' Marzu 1955, f'Dok. JS3, f'zewg ammonti separati fin-National Bank of Malta u ma' B Tagliaferro & Sons. Dan l-ammont Aldo Bonello u certu Orr, kienu nfurmawh li ghal kwantu ghal £569.15.1d kien mar ghand l-attur u in kwantu ghal £23.18s kienu haduh huma bhala dritt.

Ghalhekk, jekk wiehed inaqqas il-valur tad-differenza tal-*Kee Klamps* li allegatament kienu marru ghandu, il-valur tal-*pigeon boxes* li kienu bla valur, il-valur tat-*trusses* li kellu jigi debitat lill-attur, filwaqt li jizdied il-bilanc bankarju li mar ghand l-attur, allura kienu hu li kien kreditur ta' l-attur.

Il-konvenut esebixxa fotokopja ta' dokument immarkat Dok. H, liema dokument kien beda jhejjih hu u mbaghad komplih l-iskrivan tieghu, is-Sur Naudi.  Dan kien juri li l-valur tal-*Kee Klamps* li hu kien ha lura kien ta' £1060.16s.11d u mhux £1778.10s.5d kif allegat mill-attur.

Esebixxa wkoll Dok. I fejn kien jidher l-valur tal-medicini li hu kien ha lura, liema kellhom valur ta' £269.5s.10½ d u mhux dak ta' £300 indikat mill-attur.  Ma' dan l-istess dokument, hu esebixxa Dok. J1, 2 u 3 sabiex jindika l-valur tal-*Kee Klamps*.  B'hekk hu kien ircieva £749 inqas mill-attur.

Il-konvenut esebixxa zewg ittri sabiex jispjega li l-ammont ta' £391.8s.5d li kien jidher fuq Dok. E u spjegat bhala 'Philip Grima – Zebbug', Philip Zammit kien kiteb lill-istess Philip Grima fejn qallu sabiex jiehu l-*Kee Klamps* in kwistjoni minghand l-attur.  Zied ighid li hu ma kienx jaf li rcieva l-ammont ta' £91 ghal dan id-debitu.

Ghal dak li kien jirrigwarda d-debitu dovut minghand il-*Crown Cold Stores* fl-ammont ta' £90, dan ma kienx ingabar minhabba l-insolvenza tad-debitur. Hu stess ma kienx gabar aktar minn nofs id-debiti l-ohra zghar.

Il-konvenut in kontro-ezami qal li d-*day-to-day running* tas-socjeta` kienet f'idejh. Il-kotba kienu jinzammu mill-*accountants* inkarigati mill-attur, cioe' Willie Orr u Aldo Bonello u s-socji ma kienux jaraw il-kotba. Dawn l-*accountants* kienu *part-time* u kienu jiehdu l-informazzjoni taghhom minghand is-*sales clerks* li kienu jahdmu fil-fond ta' l-attur. Hu fil-fatt aktar kien ikollu x'jaqsam maghhom bhala *Managing Director*.

Is-socjeta` kienet topera minn Cannon Road u minn Main Street gewwa l-Hamrun, u cioe` stabbilimenti ta' l-attur. Hu kellu ufficcju f'Cannon Road. Meta kienet inharget il-merkanzija minn Cannon Road, hu ma kienx prezenti u ma kienx jaf min kien gie nkarigat, b'dana li hu ma kien inkariga lil hadd sabiex joqghod ghassa ghall-interessi tieghu.

Ix-xoghol li kien dahal fil-mahzen ta' Mill Street, Qormi, kien jigi accettat mix-xhud jew minn certu Filippidis u Johnny Abraham, b'dana li bosta drabi ma kienx ikun hemm hu personali. Hekk kif imbaghad hu u s-Sur Naudi kienu kkontrollaw x'dahal fil-mahzen, kienu ndunaw bin-nieqes u sahansitra anke gharrfu lill-attur. Pero' hu qatt ma kien ha passi ulterjuri.

Mistoqsi ghaliex hu kien ilmenta biss ma' l-attur fir-rigward tal-*Kee Klamps*, il-konvenut spjega li minkejja li kien jaf bin-nuqqasijiet l-ohra, hu ried jaqta'. Dawk in-nuqqasijiet hu kien sabhom wara *physical stock take*, b'dana li ma setax jiftakar meta dan kien sar.

Fir-rigward tad-diskors fejn l-attur kien issuggerixxa li ssir verifika tal-*Kee Klamps* minnhom it-tnejn, il-konvenut ma setax jiftakar li sar dan id-diskors. Spjega wkoll li s-serqa li ghaliha ghamel riferenza l-attur kienet sehhet wara

li kienu dahlu l-i*stocks* u kienu nsterqu skratacc biss.  Hu seta' jifhem li l-*accountants* kienu hadmu fuq ic-*chits* tad-dhul u dawn ma kinux gibdulu l-attenzjoni ghal xi diskrepanzi.

Mistoqsi jekk kienx jiehu salarju bhala *Managing Director*, il-konvenut ma setax jiftakar, izda x'aktarx ma kienx jircievi.

Mistoqsi jekk kienx possibbli li sar zball bin-numri ta' riferenza fil-lista Dok. H, il-konvenut iddikjara fin-negattiv u qal li din kienet korretta.  Hu ddikjara wkoll li Dok. JS4 kien gie redatt mill-attur.

Sussegwentement il-konvenut irrileva li wisq probabbli fil-fatt kien jircievi salarju.

**Relazzjoni tal-Periti Gudizzjarji Carmelo Balucci u  l-Av. Dott. Richard Galea Debono**

Konstatazzjonijiet u konkluzjonijiet

Il-periti gudizzjarji osservaw li ma kienx kontestat il-fatt li l-kontendenti kienu fformaw bejniethom socjeta` bl-isem ta' *Guillaumier & Spiteri*, li huma xoljew bonarjament sena u ftit xhur wara.  Fost affarijiet ohra huma kienu ftehmu bejniethom li l-merkanzija tad-ditta tal-konvenut kellha tigi rtirata mill-mahzen ta' l-attur gewwa Cannon Road, Hamrun, kif ukoll l-inkass ta' certu debiti tas-socjeta`.

Issa ghalkemm il-konvenut kien eccepixxa li ma kien hemm xejn li kien ghad baqa' li jigi likwidat, l-istess konvenut waqt l-andament tal-kawza beda jinduna li kien hemm xi diskrepanzi. Filwaqt li l-attur kien qed jibbaza ruhu fuq il-kotba tas-socjeta` sabiex jipprova li hu kien mar minn taht, il-konvenut abbazi ta' erba' kapijiet separati, kien qed jikkontendi li kien hu li mar minn taht wara l-ezercizzju li kien sar. Ghalhekk il-periti gudizzjarji ghaddew sabiex jezaminaw l-erba' ilmenti separati tal-konvenut.

*Stocks* Mid-dokument B, kien jirrizulta li l-attur kien indikat bhala kreditur fis-somma ta' £1121.02.4 u l-konvenut bhala debitur fis-somma ta' £2072.10.6. B'riferenza ghall-ittra miktuba mill-konvenut u esebita bhala Dok. D, il-periti gudizzjarji kienu tal-fehma li l-valur ta' l-i*stock* kif indikat minnu hemm, u cioe` £8469.17.7, kien £1102.18 inqas mill-valur totali li jidher fil-kotba tas-socjeta`. Bhala prova, huma ppreferew jistriehu fuq din il-prova dokumentarja minn dak li qal l-istess konvenut, filwaqt li ddikjara hu stess li kien ghadda hafna zmien u kien difficli ghalih li jiftakar. Din id-differenza ma gietx kontestata mill-attur. Meta wiehed inaqqas dan l-ammont, allura l-*capital account debit* tal-konvenut ikun ta' £2072.10.6 - £1102.18.0 = £969.12.6. Lanqas ma gie kontestat mill-attur l-ammont ta' £162.10 li kellu jigi addebitat lilu ghal *jointed trusses*, sabiex b'hekk il-*capital account credit* ta' l-attur jinzel ghal £1121.02.4 - £162.10 = £958.12.4. B'hekk wara li l-capital accounts tas-socji jigu emendati biex l-attur jidher bhala kreditur fis-somma ta' £969.12.6 u l-konvenut bhala debitur fis-somma ta' £959.12.4, u wara aggustament ghad-differenza, l-attur jibqa' kreditur tal-konvenut fis-somma ta' £964.2s.5d.

*Debituri*. B'riferenza ghal Dok. E u Dok. F, il-periti gudizzjarji rrilevaw li mid-debiti tas-socjeta`, il-konvenut kien gabar l-ammont ta' £467.17.1 u ghalhekk l-ammont in likwidazzjoni kien ta' £497.17.1, li minnu l-ammont ta' £248.18s.6d kien dovut lill-attur.

*Flus il-bank.*Gie osservat mill-perit gudizzjarji li kien hemm spjegazzjoni plawsibbli ghaliex l-attur kien ha s-somma ta' £569.15s.11d. Fl-ewwel lok gie osservat li din il-figura ma kenitx tirrizulta fir-*realization account* meta fil-prattika ta' l-*accounting* flus depozitati jew kontanti dejjem jinghataw importanza. Ghalhekk hu ferm improbabbli li tranzazzjoni bhal din tithalla barra mill-accountant. Infatti lanqas fl-abbozz tal-ftehim ta' likwidazzjoni ma qatt issemma' dan l-ammont. Imbaghad, b'riferenza ghal dak li qal ix-xhud Aldo Bonello u cioe` li dan l-ammont thallas lil *Guillaumier & Co* u mhux lill-attur, gie osservat li dan seta' sar bhala hlas tal-kreditu f'ammont kwazi l-istess dovut lilha mis-socjeta` tal-kontendenti. Erga' b'riferenza ghal dak li xehed Aldo Bonello dwar kif kienu jigu ffirmati c-cekkijiet, u cioe` li l-attur kien jaghti l-ewwel firma u mbaghad il-konvenut kien jimla' c-cekk in kwistjoni u jiffirmah ukoll, ma kienx possibbli li l-istess konvenut kien iffirma cekk sabiex l-attur ikompli jigbed il-flus meta kien hemm kwistjonijiet bejniethom rigwardanti diskrepanzi. Ghalhekk l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attur approprja dawn il-flus ghalih giet skartata.

Ghalhekk, il-periti gudizzjarji waslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt kien hemm zbilanc kontra l-attur fl-ammont ta' Lm964.12, li mieghu wiehed kellu jzid l-ammont ta' Lm248.90 bhala sehemu mill-krediti migbura mill-konvenut. B'hekk l-attur kien kreditur tal-konvenut fis-somma ta' Lm1213.02.

**Periti Addizzjonali**

Il-konvenut permezz tan-nota tieghu tas-17 ta' April 1985, talab li jigu nominati periti addizzjonali. B'digriet tal-21 ta' Jannar 1986 gew nominati l-Av. Dott. J. Micallef-Stafrace, l-Av.Dott. Aldo Vella u l-*accountant* Joseph Fenech. Wara rikors ta' l-attur tat-8 ta' Mejju 1986, bid-digriet taghha tad-29 ta' Frar 1988, id-digriet tal-21 ta' Jannar 1986 gie revokat *contrario imperio* in kwantu ghan-nomina ta' l-Av. Dott. J. Micallef Stafrace izda kkonfermatu ghall-kumplament. Imbaghad fid-29 ta' Mejju 1989, issostitwiet lill-Av. Dott. Aldo Vella bl-Av. Dott. Louis Cassar Pullicino. Peress illi l-konvenut naqas ghal diversi drabi li jipprezenta nota spjegattiva fir-rigward tal-lanjanza tieghu, b'digriet tal-5 ta' Lulju 1999 gie revokat *contrario imperio* d-digriet ghan-nomina tal-periti addizzjonali.

**In-nota ta' kritika** tal-konvenut (**prezentata kwazi hmistax-il sena wara li kien talab in-nomina ta' periti addizzjonali**) hi bazikament rikapitalazzjoni tal-lanjanzi tieghu li huwa ghamel quddiem l-ewwel periti gudizzjarji. Naturalment u ghal ragunijiet ovvji, dak li jallega li gara dwar ix-xoghol tal-karnival tas-sena 1953 se jigi skartat kompletament.. Dwar il-punti l-ohra kollha li jirreferi ghalihom, il-Qorti wara li ezaminat id-dokumenti esibiti, wara li ezaminat ir-relazzjoni ta' l-ewwel periti gudizzjarji u wara li kkunsidrat ix-xiehda moghtija, ma ssib l-ebda raguni biex tvarja mill-konkluzjonijiet peritali li tqis gusti u korretti u sorretti mill-provi migjuba.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut u tilqa' t-talba attrici billi tillikwida l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur in likwidazzjoni tas-socjeta` "Guillaumier & Spiteri" fis-somma ta' Lm1213.02 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma ta' Lm1213.02 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**